MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 214/2006

**Maltacom p.l.c. [C 22334]**

**vs**

**Vincent Oliver u Mary Elizabeth konjugi Abela (ID 97246M) u (ID 897944M) rispettivament**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u sittax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,616.20), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri 21231646, 21227842 u 21227843 skond ma kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok. A, B, C, D u E.

Bl-ispejjez, u drittijiet tar-rikors, dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Ottubru 2005 ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-14 ta' Novembru, 2006 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------